Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 10/K7/2014**

**Introduzzjoni**

L-Għaxar Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare **(wasal fis-6.05pm)** u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kien skuzat minhabba li ghandu l-ezamijiet.**(Ara Dok 1)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-30 ta' April 2014. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 08/K7/2014.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 08/K7/2014.**
3. **Approvazzjoni tal-Minuti 09/K7/2014.**
4. **Punti li johorgu mill-Minuti 09/K7/2014.**
5. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
7. **Mistoqsijiet.**
8. **Korrispondenza.**
9. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
10. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
11. **Tender 02/2014 u 03/2014 – specifikazzjonijiet u kundizzjonijiet.**
12. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
13. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 08/K7/2014 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 08/K7/2014.

2.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K7/2014.

3.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K7/2014 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 026-2014** - Kwotazzjoni ghal flag poles **(Dok. 2)**; **Memo 027-2014** - Kwotazzjoni ghal gebel **(Dok. 3)**; **Memo 028-2014** - Laqgha ma' l-Onor. Ministru Dr. Michael Farrugia **(Dok. 4)**; **Memo 029-2014** - Kwotazzjoni ghal hadid **(Dok. 5)**; **Memo 030-2014** - Kwotazzjoni ghal chipboard **(Dok. 6)**; **Memo 031-2014** - Lista ta' laqghat li saru 09/K7/14 u 10/K7/14 **(Dok. 7) u Memo 032-2014** - Laqgha ma' l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Michael Falzon **(Dok. 8)**.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-16 ta' April u s-6 ta' Mejju 2014 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| 46/1677/14/I<br>**14/04/2014** | Email minghand l-MTA fejn informat lill-Kunsill li zerghu 26 sigra ta' tip Tamarix Africana fejn l-RO u talbet sabiex il-Kunsill jigbor kwotazzjoni ghal 23 sigra ohra ta' tip Tamarix Africana nkluz is-sapport taghhom. |
| 46/1994/14/I<br>**17/04/2014** | Kwotazzjoni minghand Charlie Mifsud ghall-irrangar ta' sigar hdejn il-Melita ghall-prezz ta' €200. Iz-zkuk tas-sapport huma tal-pine u l-prezz tas-sigar ta' tip Tamarix Africana zghar huma €7 u ta' 5 piedi €50. |

8.02. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/1677/14/I u 46/1994/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa ladarba din ser tigi mhallsa mill-MTA.

8.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jikteb lill-PARKS biex fis-sit ta' bejn Triq Salvatore Castaldi u Triq Burma jinzerghu sigar Maltin bhala parti mill-iskema 34U.

8.06. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/1912/14/I<br>**14/04/2014** | Email minghand l-MTA fejn talbuna nigbru kwotazzjoni biex jitpoggew pebbles bejn il-bridge u cycle track. |
| 46/2034/14/I<br>**21/04/2014** | Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors ghall-provvista u tqeghied ta' caghaq/gebel zghir fic-cycle track ghall-prezz ta' €960.00. |

8.08. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/1912/14/I u 46/2034/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa ladarba din ser tigi mhallsa mill-MTA.

8.09. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li ghandu jsir xi tip ta' retaining minhabba li l-gebel gew perikoluzi u jizolqu.

| | |
|---|---|
| 46/2011/14/O<br>**17/04/2014** | Email li ntbghatet lill-Membri tal-Kunsill fejn intalbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera biex jinxtara l-materjal li hemm bzonn biex tinzebagh il-kamra u jinxtara l-hadid u l-injam biex isiru l-ixkaffar. |
| 46/2102/14/I<br>**25/04/2014** | Kwotazzjonijiet minghand diversi kumpaniji ghall-provvista ta' hadid. |
| 46/2110/14/I<br>**25/04/2014** | Kwotazzjonijiet minghand diversi kumpaniji ghall-provvista ta' chipboard. |

8.12. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2011/14/O, 46/2102/14/I u 46/2110/14/I** kif ukoll ghall-**Internal Memos 29/2014 u 30/2014,** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghzel l-irhas offerti jigifieri tal-kumpanija Joseph Caruana Ltd. ghall-provvista ta' hadid u John Farrugia ghall-provvista ta' chipboard ghall-ixkaffar.

8.13. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/2039/14/I<br>**21/04/2014** | Email minghand Add More Colours fejn talbu laqgha mal-Kunsill sabiex jorganizzaw Malta Street Art Festival fl-akwata tal-White Rocks/BMX Track bejn it-18 u l-20 ta' Lulju 2014. |

8.15. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2039/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jekk l-organizzaturi jibqghu bl-idea li dan il-festival jigi organizzat f'Pembroke, il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni izda eventwalment ikollhom jitolbu ukoll il-permess tad-Dipartiment ta' l-Artijiet minhabba li l-White Rocks huwa propjeta' tal-Gvern.

8.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

***8.18. Il-Kunsillier Charles Cesare wasal fis-6.05pm.***

46/2066/14/I **22/04/2014** Email minghand id-Dipartiment fejn baghtu kopja ta' email li rcievew minghand id-Dipartiment tal-kuntratti dwar il-process tal-MEAT fejn tghid li l-process tal-MEAT ghandu jintuza b'attenzjoni kbira u li min jidraftja t-tender irid jiehu certu training.

46/2098/14/O **25/04/2014** Email li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment fejn b'referenza ghall-email taghhom dwar l-evalwar tat-tenders bis-sistema tal-MEAT, il-Kunsill infurmhom li qatt ma inghata tahrig dettaljat dwar is-sistema MEAT.

8.19. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2066/14/I u 46/2098/14/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba d-DGL m'ghandux linja gwida cara kif ghandu jintuza l-process MEAT, kif ukoll fid-dawl li d-Dipartiment tal-Kuntratti jidher li huwa kontra li tintuza din il-procedura MEAT, kif ukoll li l-membri tal-Kunsill li kif qed inghad mhux kompetenti biex jaddottaw is-sistema tal-MEAT f'kuntratti ta' valur medju, kif l-istess DGL qed jippretendi li l-istess membri tal-Kunsill isiru kompetenti meta jigu biex jaggudikaw tender ta' valur hafna ghola bhal ma huwa dak tal-gbir ta' l-iskart u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill m'ghandux jaddotta din is-sistema. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-DGL b'dan.

8.20. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2075/14/I **23/04/2014** Email minghand Pembroke Athleta Bar fejn informaw lill-Kunsill li huma ghad-dispozizzjoni tal-Kunsill ghal kull attivita' li l-Kunsill jista' jorganizza.

8.22. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2075/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/2080/14/I **23/04/2014** Email minghand GreenPak fejn talbu lill-Kunsill biex issir bye law li tghid li l-kolletturi biss approvati mill-Kunsill ghandhom jiehdu hsieb il-gbir ta' skart.

8.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2080/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jekk GreenPak lesti li jipprovdi din il-Bye Law lill-Kunsill, din ghandha tigi diskussa mill-Kunsill u wara jigi deciz kif tista' tigi mplimentata.

8.24. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2086/14/I **24/04/2014** Email minghand il-MEPA fejn baghtu lista t'applikazzjonijiet ghall-izvilupp fejn fosthom hemm l-applikazzjoni ta' l-FTS ghall-iskola ta' Sir Luigi Preziosi PA/01243/14.

8.26. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2086/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li aktar kmieni llum it-Tnejn 6 ta' Mejju 2014, huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attendew ghal-laqgha mal-Periti ta' l-FTS u r-residenti ta' Blokk 4 Triq Sir Luigi Preziosi fejn gew diskussa l-kummenti, ilmenti u s-suggerimenti li kellhom, liema rispons minnaha ta' l-FTS kien pozittiv ghat-talbiet li saru.

8.27. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob lill-FTS jipprovdi lill-Kunsill kopja tal-pjanti emendati li fost affarijiet ohrajn ghandhom jinkludu l-ispazji dentifikati ghall-parkegg intern, abbazi tad-diskussjonijiet li saru mar-residenti.

8.28. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2147/14/I **28/04/2014** Kopja ta' email li s-sur Emanuel Bezzina baghat lil Ramon Deguara tal-Beach Cleaning fejn talbu sabiex jibdel ix-xbieki tal-qiegh taz-zewg platforms u jwahhalhom fil-bajja ta' Pembroke.

8.30. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2147/14/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li dwar il-possibilita' li jsir access ahjar ghall-bajja, ikun ghaqli jekk il-Kunsill johrog b'disinn u jintbaghat lil dawn is-sessjonijiet halli jaraw kif jista' jsir.

8.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li dan ix-xoghol jista' jsir mill-Management Committee tal-Pembroke Heritage Park u jintuzaw il-Periti ta' l-MTA biex ikun parti mill-pjan ta' l-upgrading tal-Bajja ta' Pembroke.

8.32. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill iressaq ir-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv lill-Management Committee tal-Pembroke Heritage Park.

8.33. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/2148/14/I **28/04/2014** Email minghand l-ECAD fejn staqsew lis-Sindku jekk jaccettax li jkun parti mill-ECAD Advisory Board ghall-perjodu li jmiss.

46/2164/14/I **29/04/2014** Email minghand is-Sindku Dean Hili fejn b'referenza ghall-email li baghtu dwar l-Advisory Board ta' l-ECAD qed jissuggerxxi li l-Kunsill jinnomina membru ta' Kunsill iehor minn Malta ghal fuq il-bord, lis-sur Mario Fava Kunsillier fi Swieqi.

8.35. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/2148/14/I u 46/2164/14/I** is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-email li kien baghat lill-membri tal-Kunsill, ghall-liema email ma kien hemm ebda oggezzjonijiet, fejn ippropona li l-Kunsill jinnomina lill-Kunsillier Mario Fava mill-Kunsill Lokali Swieqi biex ikun fl-Advisory Board ta' l-ECAD biex jirraprezenta lill-Kunsilli Lokali Maltin u Ghawdxin kif ukoll li l-Kunsill Lokali Pembroke jirrinunzja milli jaghmel terminu iehor bhala parti mill-Advisory Board. Il-kelliem zied li din ir-rakkomandazzjoni saret minhabba li l-Kunsill kien ha decizjoni li jitnaqqas is-safar u fil-fatt il-Kunsill m'attendiex ghal 2 edizzjonijiet passata kif ukoll mhux ser jattendi ghall-konferenza li jmiss.

8.36. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat u stqarret li kien ikun aktar ghaqli kieku qabel saret il-proposta mis-Sindku, saret diskussjoni biex il-Kunsill jara jekk kienx hemm interess minn xi persuna ohra.

8.38. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li huwa kien ghamel suggeriment fejn apparti li diga kien hemm numru ta' membri tal-Kunsill li permezz ta' email taw il-kunsens taghhom ghal din il-proposta, il-Kunsill ma rcieva ebda rispons alternattiv lanqas minghand l-istess Kunsillier Vella Brincat.

8.39. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Charles Cesare u l-Kunsillier Mark Causon ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

8.40. Il-mozzjoni ghaddiet.

46/2169/14/I **29/04/2014** Email minghand ir-Rebel Riders Brotherhood fejn informaw lill-Kunsill li nhar il-Hadd 18 ta' Mejju ser jorganizzaw 19-il edizzjoni ta' Charity Ride u ghal din is-sena ser tispicca fejn it-trakk tal-BMX.

8.41. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2169/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghmel il-patching li hemm bzonn kif ukoll li ma jsibx oggezzjoni li jinghalaq l-access ta' l-istess triq waqt li tkun qed issir l-attivita'.

8.42. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/2178/14/I **30/04/2014** | Email minghand il-Perit Samuel Formosa fejn b'referenza ghad-decizjoni tal-bord ta' l-appell dwar it-tender tal-Perit informa lill-Kunsill li huwa qed jitlob li jkun appuntat bhala l-Perit tal-Kunsill minhabba li f'appell simili hekk gara u talab ikun rimburzat tal-hlas li kien hallas fuq l-appell. |

8.44. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2178/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob il-parir tad-DGL dwar l-interpretazzjoni tas-sentenza u l-kompetenza tal-Bord ta' l-Appell.

8.45. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/2208/14/I **02/05/2014** | Memo 12/2014 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghall-korsijiet tal-Lifelong Learning. |

8.47. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1795/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japplika mad-DGL biex jigu organizzata l-korsijiet kollha ta' sessjonijiet A u B u li dawn isiru nhar ta' Erbgha u Gimgha filghaxija. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ma jkunx possibbli l-Kunsill jorganizza l-korsijiet kollha, il-Kunsill ghandu jmur ghall-korsijiet bazici fil-Malti u fl-Ingliz.

8.48. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/2236/14/I **05/05/2014** | Rapport minghand il-WSC jindika li l-ilma tal-funtana ta' gewwa l-bitha ta' Juno Flats m'huwiex kontaminat minn dranagg izda huwa ilma qieghed. |

8.50. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/2236/14/I** il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici biex jara x'jista' jsir biex titnaddaf il-funtana li hemm fil-bitha ta' Juno Flats.

8.51. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiltaqa' nformalment nhar il-Gimgha 9 ta' Mejju 2014 fis-6.00pm biex jigi diskuss il-Programm ta' Jum Pembroke 2014, fejn dak diskuss ikun finali u wara jigi ratifikat fil-laqgha li jmiss.

10.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Tender 02/2014 u 03/2014 – specifikazzjonijiet u kundizzjonijiet

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill draft tad-dokumenti tat-tenders 02/2014 u 03/2014.

11.02. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-hrug ta' dawn it-tenders ghandu jigi pospost sakemm il-Kunsill jikseb ir-rispons necessarju minghand id-DGL dwar il-process MEAT vis-a-vis it-tender ghall-Gbir ta' Skart u dwar is-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar it-Tender tal-Perizja.

11.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 9 u 10)**

12.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kif ipprezentata bit-tnaqqis rakkomandat ghajr items 339 u 340 tal-kumpanija AID Ltd. u dan sakemm is-sistema tigi online.

12.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li vis-a-vis il-harnes tal-bandli ghall-persuni bi bzonnijiet specjali, dan ghandu jitpogga f'kaxxa apposta fil-gonna u kull min ikun jixtieq jaghmel uzu minnhom ghandu jitlob cavetta lill-Kunsill. Il-kelliema rrakkomandat ukoll li din l-idea ghandha tintbaghat lill-Kunsilli Lokali ohra sabiex jekk ikun possibbli jkun hemm cavetta komuni.

12.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Materji ohra.

13.01. Il-Kunsillier Mark Causon xtaq ikun jaf jekk kienx hemm xi zvilupp dwar l-ispezzjoni tal-giebja ta' Triq San Patrizju.

13.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wiegeb li l-Kunsill ghad qed jistenna risposta minghand il-Perit Kevin Fsadni.

13.03. Is-Sindku Dean Hili ppropona li b'konnessjoni mal-UEFA U17 tournament fejn il-Kunsill inghata numru ta' biljetti minghajr hlas, il-Kunsill ghandu jorganizza t-trasport ghall-prezz ta' 2.50 il-persuna.

13.04. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-materjal pubblicitarju li l-MTA qassmet waqt l-open day tal-Pembroke Heritage Park li sar nhar il-Hadd 5 ta' Mejju 2014.

13.07. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-8.15pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2014.

26/05/2014

Avv. Dean Hili
*Sindku*

Kevin Borg
*Segretarju Ezekuttiv*

**Pembroke Local Council at DLG**

Dok 1

**From:** Kurt Mizzi [kurtinusmizzi@gmail.com]
**Sent:** 07 May 2014 11:28
**To:** Pembroke Local Council at DLG
**Subject:** Meeting 6th May

Ghaziz segretarju,

Nixtieq niskuza ruhi talli ma stajtx nattendi ghal laqgha tal-bierah ghaliex Kelli ezami.

Grazzi,
Kurt Mizzi

--
**Kurt Mizzi**
***Youth Ambassador, Pembroke Malta***

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

Kunsill Lokali
Pembroke
07 MAY 2014
46/2261/14/T

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 026/2014**

**17 ta' April 2014**

## Kwotazzjoni għall-flag poles

Il-Kunsill Lokali Pembroke ġabar kwotazzjonijiet għall-internal flag poles

| | Base with 3 sockets | 3 free standing poles |
|---|---|---|
| **Gauci Borda** | €343.89 | NIL |
| **GlobeTech International** | €360.00 + €50 for installation | NIL |
| **Jacap Ltd** | NIL | €590.00 |
| **Decorative Ropes** | €885.00 | €973.50 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 027/2014** **17 ta' April 2014**

## Kwotazzjoni għall-ġebel tal-franka

Il-Kunsill Lokali Pembroke ġabar kwotazzjonijiet għall-provvista ta' ġebel tal-franka

| | Transport u tarbulah | Transport u High up |
|---|---|---|
| **Camray** | €2.12 għal kull kantun | |
| **Frans Muscat** | €21.75 għal kull 15 il-kantun | €24.75 għal kull 15 il-kantun |
| **Christopher Bondin** | €18.88 għal kull 15 il-kantun | €20.65 għal kull 15 il-kantun |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 028/2014** **25 ta' April 2014**

## Laqgħa ma' l-Onor. Ministru M. Farrugia

Il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 23 ta' April 2014 fil-5.45pm, għalkemm kienet skedata fit-3.30pm, fl-Uffiċċju tal-Ministru, l-Belt Valletta. Għall-Kunsill kienu preżenti l-Viċi Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg minħabba li s-Sindku Dean Hili ma setax jibqa' jistenna minħabba mpenji ta' xogħol.

Il-Kunsill ressaq diversi punti li kienu:

1. X'possibilita' hemm li mill-Kunsill jerġgħu jibdew jingħataw is-servizzi tas-Sigurta' Soċjali kif kien isir sa ftit tax-xhur ilu,

2. Il-problemi li hemm f'Sit A fosthom numru ta' garaxxijiet vojta, il-landscaping ta' Sit A1 – A4 u l-problema tad-dawl li hemm kemm f'sit A1 – A4 u A5 – A11,

3. Iż-żamma u l-manutenzjoni tal-blokki ta' żmien is-servizzi,

4. Il-possibilita' li fil-lokal fuq is-sit li hemm bejn Triq Camillo Sceberras u Triq Mons. L. Mifsud Tommasi jinbena ċentru għall-anzjani għal matul il-jum li jservi wkoll għal ċentru taż-żgħażagħ u possibilment night shelter, u

5. Huwiex possibbli li f'postijiet fejn f'binjiet tal-Gvern ġew installati liftijiet, isiru ukoll pannelli fotovoltajiċi biex id-dawl iġġenerat jintuża għat-tħaddim ta' l-istess liftijiet.

L-Onor. Ministru M. Farrugia nforma lill-Kunsill li:

1. Dwar x'possibilita' hemm li mill-Kunsill jerġgħu jibdew jingħataw is-servizzi tas-Sigurta' Soċjali kif kien isir sa ftit tax-xhur ilu, l-Onor. Ministru Farrugia nforma lill-Kunsill dwar x'servizzi jistgħu jerġgħu jibdew jingħataw fosthom dawk relatata mal-Housing.

2. Dwar il-problemi li hemm f'Sit A fosthom numru ta' garaxxijiet vojta, il-landscaping ta' Sit A1 – A4 u l-problema tad-dawl li hemm kemm f'sit A1 – A4 u A5 – A11, l-Onor. Ministru Farrugia nforma lill-Kunsill li kien ħa nota u li ser jara fejn wasal il-proċess. Dwar il-problema tad-dawl irrimarka li sa fejn jaf huwa dan suppost isir mill-Kunsill Lokali.

PEMBROKE

3. Dwar iż-żamma u l-manutenzjoni tal-blokki ta' żmien is-servizzi, l-Onor. Ministru Farrugia nforma lill-Kunsill li d-Dipartiment ta' l-Artijiet kellu l-interess li jirranġa ħsarat strutturali filwaqt li l-inkwilin huwa responsabbli mix-xogħol ta' ġewwa. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Gvern qed jaħdem fuq il-possibilita' li jibni jew jagħmel użu minn units li diġa hawn fis-suq biex is-sulari t'isfel ikunu dedikati għall-anzjani li preżentament għandhom xi problemi t'aċċessibilita' jew li għandhom postijiet kbar li jixtiequ jitilqu minnhom.

4. Dwar il-possibilita' li fil-lokal fuq is-sit li hemm bejn Triq Camillo Sceberras u Triq Mons. L. Mifsud Tommasi jinbena ċentru għall-anzjani għal matul il-jum li jservi wkoll għal ċentru taż-żgħażagħ u possibilment night shelter, l-Onor. Farrugia xtaq ikun jaf dwar kif il-Kunsill kien qed jaħseb li jiffinanzja proġett simili.

5. Fuq risposta tal-Kunsill li tali proġett jista' jiġi ffinanzjat mill-Gvern, jew PPP jew minn Fondi ta' l-EU, l-Onor. Ministru rrimarka li preżentament il-Gvern għandu lista' ta' prijoritajiet li qed jinħadmu mal-privat fejn l-investiment ser isir kollu mill-privat u l-Gvern jipprovdi l-art. Il-kelliem irrakkomanda li l-Kunsill għandu jara kif jista' jagħmel xi ħaġa simili.

6. Dwar jekk huwiex possibbli li f'postijiet fejn f'binjiet tal-Gvern ġew installati liftijiet, isiru ukoll pannelli fotovoltajiċi biex id-dawl iġġenerat jintuża għat-tħaddim ta' l-istess liftijiet, l-Onor. Ministru wieġeb fin-negattiv.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

**Internal Memo Referenza 029/2014** **30 ta' April 2014**

## Kwotazzjoni 08/2014 - Provvista ta' ħadid

Il-Kunsill Lokali Pembroke ġabar kwotazzjonijiet għall-provvista ta' ħadid

| | Qisien | Prezz | Total |
|---|---|---|---|
| **Joseph Caruana Ltd** | 20 x 20 x 1.5 mm per 6 mtr | €6.10 inc VAT | €347.70 |
| **J. Lautier** | 20 x 20 x 2.0 mm per 6 mtr | €8.97 inc VAT | €511.29 |
| **JM Vassallo** | 20 x 20 x 1.5 mm per 6 mtr | €7.08 inc VAT | €403.56 |
| **F. Cordina and Sons** | 20 x 20 x 1.5 mm per 6 mtr | €6.30 inc VAT | €359.10 |
| **Transmec** | 25 x 25 x 2.0 mm per 6 mtr | €12.50 inc VAT | €712.50 |
| **Firm Salvatore Caruana** | They do not stock the requested material | | |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

*Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera*

PEMBROKE

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Dok 6

**Internal Memo Referenza 030/2014** **30 ta' April 2014**

## Kwotazzjoni 09/2014 - Provvista ta' chipboard

Il-Kunsill Lokali Pembroke ġabar kwotazzjonijiet għall-provvista ta' chipboard

| | Qisien | Prezz | Total |
|---|---|---|---|
| **Cortis Timber** | 244cm x 40cm x 16mm<br>***Edging minn naħa waħda biss*** | €11.50 + €15 transport | €486.50 |
| **S & L import & Export** | 244cm x 40cm x 16mm | €15.90 | €651.90 |
| **Pace & Mercieca Ltd** | 244cm x 38cm x 15mm<br>***Delivery – 4 to 6 weeks*** | | €624.87 |
| **Maxtimbers** | | | €668.00 |
| **Sunny Wood Supplier** | 244cm x 40cm x 15mm | €20.00 | €820.00 |
| **John Farrugia** | 244cm x 40cm x 16mm | €10.75 | €440.75 |
| **James Camilleri Ltd** | They do not have the material required | | |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 7

**Internal Memo Riferenza 031/2014** **6 ta' Mejju 2014**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 09/K7/14 u 10/K7/14

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 15/04/2014 | Laqgha tal-Kunsill 09/K7/2014 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 17/04/2014 | Laqgha ma' Ms. Fabienne Galea mill-HSBC | HSBC, Swatar | Kevin Borg |
| 20/04/2014 - 21/04/2014 | Pembroke Athleta Football Nursery Tournament - Presentation | Pembroke Athleta | Dean Hili |
| 22/04/2014 | Seminar organizzat minn Transport Malta dwar Traffic Management and Road Safety | Grand Hotel Excelsior | Kevin Borg |
| 23/04/2014 | Laqgha ma' l-Onor. Ministru Michael Farrugia | Palazzo Ferreria, Valletta | Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 24/04/2014 | Laqgha ma' Jason Said dwar attivita' tal-karozzi | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |



PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 24/04/2014 | Laqgha ma' Malta Street Art Festival | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 28/04/2014 | Laqgha mas-Surveyor Kevin Borg rigward Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta | Fuq il-post | Kevin Borg |
| 29/04/2014 | Varar tas-sistema tal-Permessi tal-Krejnijiet Online | Kunsill Lokali Mosta | Kevin Borg |
| 30/04/2014 | Stedina ghal sessjoni t'informazzjoni dwar il-Lifelong Learning Scheme | Kunsill Lokali Mosta | Kevin Borg |
| 02/05/2014 | Press conference tal-Garigue Park | Garigue Park | Kevin Borg |
| 04/05/2014 | Attivita' ta' open day fl-okkazjoni tal-ftuh ufficjali tal-Garigue Park | Garigue Park | Kevin Borg |
| 05/05/2014 | Laqgha ma' l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Michael Falzon | Kastilja | Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 06/05/2014 | Laqgha bejn ir-residenti ta' Blk 1, 2, 3, 4 u 5 ma' l-FTS sabiex jigi spjegat x'ser jigri fl-iskola Sir Luigi Preziosi | Fl-iskola Sir Luigi Preziosi | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 06/05/2014 | Laqgha mal-Housing Authority dwar id-dawl ta' Sit A | Housing Authority | Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

DOK 8

**Internal Memo Referenza 032/2014** **5 ta' Mejju 2014**

## Laqgħa ma' l-Onor. Seg. Parlamentari M. Falzon

Il-laqgħa saret nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2014 fit-3.00pm, fil-Berġa ta' Kastilja. Għall-Kunsill kienu preżenti l-Viċi Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg minħabba li s-Sindku Dean Hili ma setax jattendi minħabba li kien imsiefer.

Il-Kunsill ressaq diversi punti li kienu:

1. Il-possibilita' li fil-lokal fuq is-sit li hemm bejn Triq Camillo Sceberras u Triq Mons. L. Mifsud Tommasi jingħata lill-Kunsill b'devoluzzjoni (speċjalment il-kamra li hemm) biex il-quddiem ikun jista' jinbena ċentru għall-anzjani għal matul il-jum li jservi wkoll għal ċentru taż-żgħażagħ u possibilment night shelter, u

2. Li s-sit fejn il-MEPA approvat li jinbnew tennis courts fi Triq Medjez, jibqa' bħala picnic area.

L-Onor. Seg. Parlamentari M. Falzon nforma lill-Kunsill li:

1. Dwar is-sit li hemm bejn Triq Camillo Sceberras u Triq Mons. L. Mifsud Tommasi, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Onor. Falzon ser jara jekk hemmx xi ħsibijiet għas-sit. Dwar il-kamra li hemm il-Kunsill ġie nfurmat dwar jekk it-talba tal-Kunsill tistax tiġi milqugħa.

2. Dwar l-appell tal-Kunsill mal-MEPA, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Onor. Falzon ser jara l-appell u jżomm lill-Kunsill infurmat.

Il-laqgħa ntemmet fl-4.00pm.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

Kunsill Lokali: Pembroke

Skeda Nru 20 /2014

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 16/04/2014 sa 06/05/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 325 | Kevin Borg | €1,675.91 | €1,675.91 | | | April salary | 25/04/14 | | | | 1200 | 11398 |
| 326 | Dean Hili | €458.35 | €458.35 | | | April Honoraria | 25/04/14 | | | | 1100 | 11399 |
| 327 | Alison Grixti | €1,180.96 | €1,180.96 | | | April salary | 25/04/14 | | | | 1200 | 11400 |
| 328 | Alison Grixti | €44.41 | €44.41 | | | April OT | 25/04/14 | | | | 1700 | |
| 329 | Kirsty Rizzo | €1,040.03 | €1,040.03 | | | April salary | 25/04/14 | | | | 1200 | 11401 |
| 330 | Kirsty Rizzo | €76.65 | €76.65 | | | April OT | 25/04/14 | | | | 1700 | |
| 331 | CIR | €114.00 | €114.00 | | | April mayor IT | 25/04/14 | | | | 1100 | 11402 |
| 332 | CIR | €833.95 | €833.95 | | | April employee NI + IT | 25/04/14 | | | | 1200 | |
| 333 | CIR | €416.95 | €416.95 | | | April employer NI | 25/04/14 | | | | 1500 | |
| 334 | Maltapost plc | €25.20 | €25.20 | K | INV | Door to door flyer distribution (cancer awareness) | 28/04/14 | 17 | | 86/2014 | 2640 | |
| 335 | Jason Camilleri | €112.00 | €112.00 | K | INV | Easter tournament - nurse standby | 27/04/14 | | | 56/2014 | 3370 | |
| 336 | Pembroke Self Service | €8.45 | €8.45 | D | INV | Cleaning material | 24/04/14 | 931021 | | 85/2014 | 2220 | |
| 337 | Pembroke Self Service | €60.00 | €60.00 | D | INV | Water and soft drinks | 24/04/14 | 931021 | | 85/2014 | 3310 | |
| 338 | AID Ltd. | €3,003.10 | €3,003.10 | K | INV | Live streaming supply of equipment/installation | 17/04/14 | 254/2014 | | 17/2014 | 7310 | |
| 339 | AID Ltd. | * €708.00 | €708.00 | K | INV | Live streaming - 1yr streaming | 17/04/14 | 254/2014 | | 17/2014 | 3110 | |
| 340 | AID Ltd. | * €244.50 | €244.50 | K | INV | Live streaming - 1yr maintenance agreement | 17/04/14 | 254/2014 | | 17/2014 | 3110 | |
| 341 | Raphael Carabott | €326.02 | €326.02 | T | INV | March CM fee | 24/04/14 | PBK03/14 | | | 3120 | |
| 342 | WasteServ Malta Ltd. | €1,151.69 | €1,084.17 | D | INV | Mar 14 tipping (Gov. Alloc./12 = € 13,010/12) | 15/04/14 | 48845 | | | 3043 | |
| 343 | Security Service Malta Ltd. | €148.95 | €148.95 | K | INV | March cash collection service | 31/03/14 | 50362 | | | 3060 | |
| 344 | Lara Calleja | €127.80 | €127.80 | D | INV | March librarian services | 21/04/14 | 135 | | | 2995 | |
| | **Sub Total c/f** | **€11,756.92** | **€11,689.40** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€11,756.92** | **€11,689.40** | | | | | | | | | |

* not approved for now

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel: (+356) 2137 2111 Fax: (+356) 2137 2555
Web page: www.pembroke.gov.mt
e-mail: pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili — Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon — Kunsillier E. Vella Brincat — Kunsillier M. Causon — Kunsillier C. Cesare

**Approvati fis-Seduta Nru: 10/K7/2014**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

fok 9

**Kunsill Lokali: Pembroke** **Skeda Nru 21 /2014**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 16/04/2014 sa 06/05/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 345 | ICT Ltd. | €177.00 | €177.00 | D | INV | Pastel Partner + Evolution support | 21/04/14 | 140368 | | | 3110 | |
| 346 | Vodafone Malta | €51.50 | €51.50 | K | INV | Feb RED Plan | 01/03/14 | 397993 | | | 2160 | |
| 347 | Gauci Borda & Co. Ltd. | €343.89 | €343.89 | K | INV | 3 flag pole stand | 17/04/14 | 107709 | | 74/2014 | 7210 | |
| 348 | Arms Ltd. | €657.01 | €657.01 | | INV | Ufficcju tal-Kunsill - Dawl 21/11/13 - 24/02/14 | 23/04/14 | 18491975 | | | 2130 | |
| 349 | Arms Ltd. | €53.09 | €53.09 | | INV | Ufficcju tal-Kunsill - Ilma 21/11/13 - 24/02/14 | 23/04/14 | 18491975 | | | 2140 | |
| 350 | Arms Ltd. | €148.74 | €148.74 | | INV | Gnien ta' Kalkutta - Dawl 21/11/13 - 24/02/14 | 23/04/14 | 18491974 | | | 2130 | |
| 351 | Arms Ltd. | €57.29 | €57.29 | | INV | Gnien ta' Kalkutta - Ilma 21/11/13 - 24/02/14 | 23/04/14 | 18491974 | | | 2140 | |
| 352 | Arms Ltd. | €99.41 | €99.41 | | INV | Pembroke Battery - Dawl 21/11/13 - 24/02/14 | 23/04/14 | 18491973 | | | 2130 | |
| 353 | Mquip Co. Ltd. | €4,343.23 | €4,343.23 | T | INV | Upgrading Gnien 4 ta' Lulju | 29/04/14 | 23213 | | | 7240 | |
| 354 | Joseph Caruana | €775.26 | €775.26 | T | INV | Upgrading Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta | 28/04/14 | 1 | | | 7240 | |
| 355 | Pemrboke Self Service | €23.37 | €23.37 | D | INV | Eats re Council meetings | 02/05/14 | 932797 | | | 3310 | |
| 356 | Petty Cash | €209.71 | €209.71 | | | April Petty Cash | 30/04/14 | | | | | |
| 357 | Perit Samuel Formosa | €200.00 | €200.00 | D | | Refund Appell re Tender 05/2011 | 02/05/14 | | | | 3060 | |
| 358 | Philip Seguna | €2,420.00 | €2,420.00 | T | INV | April 21 days refuse collection | 30/04/14 | 31/2014 | | | 3041 | |
| 359 | Philip Seguna | €224.76 | €224.76 | T | INV | April 2 extra skips | 30/04/14 | 32/2014 | | | 3041 | |
| 360 | Christian Galea & Family | €1,710.00 | €1,710.00 | T | INV | April 24 days street sweeping | 30/04/14 | 239 | | | 3051 | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€11,494.26** | **€11,494.26** |
| **Sub Total b/f** | **€11,756.92** | **€11,689.40** |
| **Total** | **€23,251.18** | **€23,183.66** |

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili    Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon    Kunsillier E. Vella Brincat    Kunsillier M. Causon    Kunsillier C. Cesare

**Approvati fis-Seduta Nru: 10/K7/2014**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Dok 10

Kunsill Lokali: Pembroke Skeda Nru 8 /2014

# Skeda tad-Dħul bejn 16/04/2014 - 06/05/2014

| | Deskrizzjoni | Ammont tad-Dħul | Nru. tan-Nominal Account | Data | Nru. Tar-Riċevuta |
|---|---|---|---|---|---|
| 132 | F. Chircop - permess ghall-High up | €6.99 | 0066 | 15/04/14 | 3540 |
| 133 | A. Mifsud - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 15/04/14 | 3541 |
| 134 | A. Tabone - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 15/04/14 | 3542 |
| 135 | A. Caruana - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 16/04/14 | 3543 |
| 136 | D. Dimech - permess ghal open skip | €10.70 | 0066 | 16/04/14 | 3544 |
| 137 | B. Gatt - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 16/04/14 | 3545 |
| 138 | B. Gatt - 4 stickers no parking | €4.00 | 0065 | 16/04/14 | 3545 |
| 139 | D. Falzon - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 16/04/14 | 3546 |
| 140 | J. Fenech - permess ghall-container | €2.33 | 0066 | 17/04/14 | 3547 |
| 141 | V. Schembri - 2 parking dials | €1.16 | 0065 | 17/04/14 | 3548 |
| 142 | J. Aquilina - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 17/04/14 | 3549 |
| 143 | M. Camilleri - Pembroke Book | €2.50 | 0065 | 21/04/14 | 3550 |
| 144 | Attivita' Hamis ix-Xirka 36 residents @ €2.00 (333-343) | €72.00 | 0065 | 21/04/14 | 3551 |
| 145 | M. Farrugia - Pembroke Book | €2.50 | 0065 | 22/04/14 | 3552 |
| 146 | C. Brincat - permess ghall-High up | €3.72 | 0066 | 22/04/14 | 3553 |
| 147 | A. Farrugia - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 23/04/14 | 3554 |
| 148 | B. Salafia - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 23/04/14 | 3555 |
| 149 | B. Gatt - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 23/04/14 | 3556 |
| 150 | Regjun Tranuntana - LES Inv 34/2012 (May 2012) | €51.24 | 0038 | 25/04/14 | 3557 |
| 151 | Regjun Tranuntana - LES Inv 4/2011 (Sept 2011) | €11.65 | 0038 | 24/04/14 | 3558 |
| 152 | Regjun Tranuntana - LES Inv 8/2011 (Oct 2011) | €52.41 | 0038 | 24/04/14 | 3558 |
| 153 | Regjun Tranuntana - LES Inv 3/2012 (Nov 2011) | €55.90 | 0038 | 24/04/14 | 3558 |
| 154 | Regjun Tranuntana - LES Inv 7/2012 (Dec 2012) | €17.47 | 0038 | 24/04/14 | 3558 |
| 155 | V. Agius - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 26/04/14 | 3559 |
| 156 | Regjun Nofsinhar - LES Inv 4/2014 (Jan 2014) | €25.62 | 0038 | 28/04/14 | 3560 |
| 157 | J. Azzopardi - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 28/04/14 | 3561 |
| 158 | J. Gatt - permess ghall-High up | €2.33 | 0066 | 29/04/14 | 3562 |
| 159 | Zammit Developers - permess ghall-krejn | €2.33 | 0066 | 29/04/14 | 3563 |
| 160 | A. Carabott - Permess ghal-open skip | €1.40 | 0066 | 05/05/14 | 3564 |
| 161 | P. Desira - permess ghall-krejn | €4.33 | 0066 | 05/05/14 | 3565 |
| | **Sub Total c/f** | **€356.21** | | | |
| | **Sub Total B/f** | **€356.21** | | | |

## Seduta Nru: 10/K7/2014

Sindku Avv. Dean Hili

Viċi Sindku Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg

Kunsillier Evelyn Vella Brincat

Kunsillier Mark Causon

Kunsillier Charles Cesare